

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Manteniment Tal-familja](#) > [Poland](#)

Manteniment tal-familja

 Polonja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 X'ifissru l-kunċetti "manteniment" u "obbligu ta' manteniment" f'termini prattiċi? Liema persuni għandhom iħallsu allowance għall-manteniment lil persuna oħra?

F'konformità mal-Artikolu 128 tal-Kodiċi dwar il-Familja u t-Tutela, "obbligu ta' manteniment" huwa obbligu impost fuq il-qraba fil-linja diretta u fuq l-aħwa biex jipprovdu l-mezzi ta' għajxien (inkluż iħwejjeg, ikel, akkomodazzjoni, fjuwil għat-tiġin u mediċini) u, meta jkun meħtieġ, il-mezzi għat-trobbija (inkluż kura għall-iżvilupp fiżiku u mentali u l-aċċess għall-edukazzjoni u l-kultura).

Il-"manteniment" huwa provvediment finanzjarju jew mhux finanzjarju. Fil-każ tat-tfal, huwa jkopri wkoll l-involvement personali fit-trobbija tagħhom u x-xogħol f'unità domestika bħala parti minn obbligu ta' manteniment.

It-"talba għal manteniment" hija d-dritt ta' persuna biex titlob it-twertiq ta' obbligu ta' manteniment lejha mingħand persuna oħra.

Bħala regola, obbligu ta' manteniment jinħoloq minn tipi differenti ta' relazzjonijiet familjari. Skont it-tip ta' relazzjoni familjari, il-liġi Pollakka tistabbilixxi bejn it-tipi ta' obbligi ta' manteniment li ġejjin:

1. obbligu ta' manteniment bejn il-qraba, inkluża l-forma speċifika ta' dak l-obbligu li huwa l-obbligu tal-ġenituri lejn uliedhom: fil-każ ta' qraba, huma biss il-persuni li jkollhom diffikultajiet li jkunu intitolati għall-manteniment. Il-ġenituri jridu jħallsu l-manteniment lil ulied li għadhom ma jistgħux ifendu għal rashom, sakemm l-introjt mill-propjetà tagħhom tkun suffiċjenti biex tkopri l-ispejjeż tal-manteniment u trobbija tagħhom. L-ulied ta' 'l fuq minn 18-il sena ma jibqgħux intitolati għall-manteniment sakemm ma jkunux jixtiequ jkomplu l-edukazzjoni tagħhom u l-prestazzjoni tagħhom sa dakinhar tkun tiogħustifika din l-għażla, jew l-obbligu ta' manteniment ikollu jibqa' jingħata wkoll minħabba l-istat ta' saħħa jew sitwazzjoni personali tal-ulied. Barra minn hekk, il-ġenituri mhumieq obligati jħallsu manteniment lil ulied ta' 'l fuq minn 18-il sena u li, minkejja li jkunu kapaċi jaħdmu, jibdeu studji ulterjuri u mbagħad jitraskurawhom, ma jagħmlux progress sodisfaċenti, ma jiksbox il-marki biex jgħaddu u ma jgħaddux mill-eżamijiet fiż-żmien preskritti u, għalhekk, jonqsu milli jtemmu l-istudji tagħhom fil-perjodu speċifikat għall-programm ta' studji tagħhom.
Jekk ikun impossibbli jew eċċessivament diffiċli li jinkiseb manteniment mingħand il-persuna bl-obbligu primarju li tħallsu (ġenitur), huwa possibbli li ssir talba kontra persuni b'obbligu sekondarju (eż. in-nanniet tat-tfal, li jiġu l-ġenituri ta' debitur assenti). Madankollu, ta' min jinnota li s-sempliċi nuqqas ta' iħlas ta' manteniment minn persuna obligata li tagħmel hekk mhuwiex biżżejjed biex jinkisbu pagamenti ta' manteniment mingħand in-nanniet; sabiex il-manteniment jinkiseb mingħand in-nanniet, il-persuna intitolata għall-manteniment trid tkun qed tgħix f'diffikultà u n-nanniet iridu jkunu finanzjarjament kapaċi jħallsu l-manteniment. L-ordnijiet ta' manteniment kontra n-nanniet normalment ikunu għal ammonti aktar baxxi minn dawk imposti fuq il-persuna bl-obbligu primarju li tħallas il-manteniment.
2. obbligu ġej mill-adozzjoni: jekk l-effett tal-adozzjoni ikun biss li tinħoloq relazzjoni bejn il-persuna li adottat

u l-persuna adottata, l-obbligu tal-manteniment tal-persuna li adottat lejn il-persuna adottata jieħu preċedenza fuq l-obbligu ta' manteniment tal-qraba fil-linja axxendenti u l-aħwa tal-persuna adottata lejn dik il-persuna, u kwalunkwe obbligu ta' manteniment ta' persuna adottata lejn il-qraba tagħha fil-linja axxendenti u f'ħutha jiġi l-aħħar. F'każijiet oħra, japplikaw ir-regoli stabbiliti fil-punt 1 għall-persuna adottata.

3. obbligu bejn il-persuni li jiġu minn xulxin minħabba l-affinità (ġenituri tar-rispett, tfal tar-rispett): għandhom dritt għall-manteniment biss dawk il-persuni b'diffikultajiet, jekk, fis-sitwazzjoni kkonċernata, l-impożizzjoni tal-obbligu tal-manteniment tkun konformi mar-regoli tal-imġiba soċjali. Skont il-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza Pollakka, "diffikultajiet" tfisser l-inkapaċità li wieħed jissodisfa l-bżonnijiet raġjonevoli tiegħu bir-riżorsi proprji u bl-isforzi tiegħu.
4. obbligu bejn il-konjuġi matul iż-żwieġ: membri tal-familja jistgħu jinvokaw id-dritt għal "standard ta' għajxien indaqs" għall-membri tal-familja kollha. Skont l-Artikolu 27 tal-Kodiċi tal-Familja u t-Tutela, iż-żewġ konjuġi huma mitluba, skont l-abiltajiet u l-kapaċità ta' qligħ u finanzjarja tagħhom, jgħinu jissodisfaw il-bżonnijiet tal-familja li għandhom bir-relazzjoni tagħhom. Dan l-obbligu jitqies sodisfatt bis-sħiħ jew parzjalment permezz ta' sforzi personali fit-trobbija tat-tfal u l-kura tal-unità domestika.
5. obbligu bejn il-konjuġi wara li jkun intemm iż-żwieġ: jekk wieħed mill-konjuġi jinsab unikament responsabbli għat-tkissir irrimedjabbli taż-żwieġ u d-divorzju jgħib miegħu deterjorazzjoni sostanzjali fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-konjuġi innoċenti, dan tal-aħħar jista' jitlob sabiex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet raġjonevoli tiegħu, anke jekk ma jkunx f'diffikultà. F'każijiet oħra, konjuġi f'diffikultà jista' jitlob il-manteniment mill-eks konjuġi tiegħu fi proporzjon għall-bżonnijiet raġjonevoli tiegħu u l-kapaċitajiet ta' qligħ u finanzjarji tal-eks konjuġi. L-obbligu tal-manteniment fir-rigward tal-konjuġi divorzjat jiskadi meta dan tal-aħħar jerġa' jiżżewweġ. Madankollu, meta konjuġi divorzjat li ma nstabx responsabbli għat-tkissir irrimedjabbli taż-żwieġ ikun obligat iħallas il-manteniment, l-obbligu tal-manteniment ukoll jiskadi f'ames snin wara s-sentenza ta' divorzju, sakemm, fuq talba tal-persuna li għandha dritt għall-manteniment, il-qorti ma testendix dan il-perjodu ta' f'ames snin minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.
6. obbligu tal-missier ta' wild imwieled barra ż-żwieġ lejn l-omm tal-wild: missier li mhux ir-raġel tal-omm jeħtiegħu jikkontribwixxi skont iċ-ċirkostanzi tiegħu lejn l-ispejjeż assoċjati mat-tqala u għall-ħlas u l-ispejjeż ta' tliet xhur manteniment lill-omm matul il-ħlas. Fejn ikun hemm raġunijiet konvinċenti, l-omm tista' titlob illi l-missier jikkontribwixxi għall-manteniment tagħha għal perjodu itwal minn tliet xhur.

2 Sa liema età jista' tifer jibbenefika minn allowance għall-manteniment? Hemm regoli differenti għall-manteniment għall-minorenni u għall-adulti?

Il-ġenituri jridu jħallsu l-manteniment għat-tfal li għadhom ma jstgħux ifendu għal rashom. Peress illi t-tfal iridu jkomplu jistudjaw sakemm jagħlqu 18-il sena, normalment ikollhom dritt għall-manteniment sakemm jilħqu l-età maġġuri jew sakemm itemmu l-edukazzjoni tagħhom. Jekk il-persuna intitolata għall-manteniment ma hijiex kapaċi tfendi għal rasha (pereżempju minħabba mard jew diżabilità), il-manteniment jista' jingħata b'mod indefinit.

Għandu jiġi nnotat li obbligu ta' manteniment ma jiskadix b'mod awtomatiku wara li l-persuna intitolata tilħaq l-età ta' 18-il sena, u tali skadenza lanqas ma tiddependi fuq deċiżjoni minn kreditur jew minn ġenitur li huwa responsabbli għall-manteniment. Sabiex jiġi ddeterminat li obbligu ta' manteniment għandu jiskadi, hija meħtieġa deċiżjoni ġudizzjarja sabiex tevalwa jekk il-wild li jilħaq l-età maġġuri huwiex kapaċi li jfendi għal rasu, eċċ. Talba għat-terminazzjoni tal-obbligu tal-manteniment għandha titressaq quddiem il-qorti distrettwali b'ġurisdizzjoni fuq il-post ta' residenza tal-kreditur. Dan japplika għall-manteniment ordnat minn qorti u mhux għall-manteniment imsejjaħ volontarju, li huwa rregolat minn ftehim privat bejn il-partijiet.

Il-benefiċċji mill-fond tal-Istat għall-manteniment jitħallsu lil persuni intitolati li jirċevuhom sakemm jagħlqu 18-il sena. Dawn il-persuni huma intitolati għall-allowances sakemm jagħlqu l-25 sena jekk ikompli l-istudji tagħhom fi skejnel jew f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, u għal perjodu indefinit ta' żmien jekk jiġu ċċertifikati bħala serjament diżabbli. Kundizzjoni għar-riċeviment tal-allowances mill-fond għall-manteniment hija li d-dħul tal-familja għal kull persuna ma jkunx jeċċedi PLN 1209 fix-xahar. Jekk jinqabeż dan l-ammont b'riżultat tal-prinċipju tal-"*złotówka za złotówkę*" ["zloty għal kull zloty"], il-persuna intitolata għall-manteniment ma titlifix dak id-dritt għall-allowance. Il-persuna intitolata għall-manteniment tirċievi ammont li jikkonsisti fid-differenza bejn l-ammont tal-allowance mill-fond għall-manteniment pagabbli lill-persuna intitolata għalih u l-ammont li bih ikun inqabeż id-dħul tal-familja (ikkalkulat għal kull persuna fil-familja). Jekk l-ammont tal-benefiċċju kkalikulat b'dan il-mod huwa inqas minn PLN 100, ma tingħata l-ebda għajjnuna.

3 Għandi napplika għand awtorita kompetenti jew qorti biex nikseb manteniment? X'inhuma l-elementi ewlenin ta' din il-proċedura?

Is-sitwazzjonijiet ta' manteniment li ġejjin huma possibbli:

1. il-persuna meħtieġa tħallas il-manteniment tissodisfa dan l-obbligu volontarjament;
2. il-partijiet jilhqqu ftehim bonarju dwar l-obbligu ta' manteniment;
3. jekk il-persuna meħtieġa li tħallas il-manteniment tonqos milli twettaq l-obbligu tagħha, il-manteniment jista' jintalab permezz ta' rikors ippreżentat quddiem il-qorti distrettwali (*sąd rejonowy*) li għandha ġurisdizzjoni fuq il-post ta' residenza tal-persuna intitolata għall-manteniment (l-Artikolu 32 tal-Kodiċi dwar il-Proċedura Ċivili) jew tal-intimat (l-Artikolu 27(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), jew tali rikors jista' jiġi ppreżentat matul proċedimenti ta' divorzju jew separazzjoni legali quddiem il-qorti reġjonali (*sąd okręgowy*).

Kull rikors huwa eżentat mit-tariffi tal-qorti. Madankollu, ir-rikors għandu jissodisfa r-rekwiżiti għal talba valida, jiġifieri jrid jinkludi l-isem tal-qorti li ġie ppreżentat quddiemha; l-ismijiet u l-kunjomijiet tal-partijiet, il-PESEL in-numru tal-[ID nazzjonali personali], ir-rappreżentanti legali u l-avukati; it-tip ta' talba; deskrizzjoni ċara tat-talba; il-valur tat-talba; deskrizzjoni tal-fatti li jiġġustifikaw it-talba u fejn meħtieġ, il-ġurisdizzjoni tal-qorti wkoll; il-firma tal-parti jew tar-rappreżentant jew avukat tagħha (il-prokura trid tiġi mehmuża); lista ta' annessi; il-postijiet ta' residenza jew l-uffiċċji reġistrati tal-partijiet, tar-rappreżentanti legali tagħhom u tal-avukati; u deskrizzjoni tat-talba. It-talbiet sussegwenti jrid ikollhom ir-referenza għall-atti tal-kawża. Ir-rikors irid ikun akkumpanjat ukoll miċ-ċertifikat tat-twelid tal-wild li jindika li l-persuna li qiegħed jintalab il-manteniment mingħandha hija l-ġenitur tal-wild; alternattivament, ir-rikors għall-manteniment jista' jiġi ppreżentat flimkien mar-rikors għad-determinazzjoni tal-paternità.

4. huwa possibbli wkoll li jintlaħaq ftehim quddiem nutar pubbliku, u f'dak il-każ il-qorti distrettwali toħroġ biss ordni li tipprovdi għall-eżekuzzjoni tal-ftehim. L-iffirmar ta' ftehim ta' soluzzjoni quddiem nutar pubbliku huwa suġġett għal tariffa, kif ukoll talba għall-ħruġ ta' titolu eżekuttiv.

5. il-ftehim bonarju jista' jintlaħaq ukoll fil-qorti, f'liema każ, l-intimat jista' jiġi eżentat milli jħallas it-tariffa tal-qorti, jew jintalab iħallas biss nofsha.

4 Tista ssir talba f'isem qarib (jekk iva, liema grad), jew minorenni?

Il-persuni li ġejjin jistgħu jippreżentaw rikors għall-manteniment f'isem il-persuna li għandha dritt tirċevih:

- aġent (minbarra avukat u konsulent legali, il-persuni li ġejjin jistgħu jkunu aġent: il-ġenituri, il-konjuġi, l-aħwa, il-qraba fil-linja axxendenti jew persuni marbuta bl-adozzjoni mal-persuna intitolata għall-manteniment, kif ukoll persuna li tiegħu ħsieb il-propjetà tal-persuna intitolata għall-manteniment);

- rappreżentant ta' awtorità lokali tal-gvern li hija responsabbli għall-assistenza soċjali (skont *l-Att tat-12 ta' Marzu 2004 dwar l-assistenza soċjali* (il-Ġurnal tal-Liġijiet [Dziennik Ustaw] 2004, Nru 64, Partita 593); dawn ir-rappreżentanti huma: il-maniġer taċ-ċentru municiपालi tal-assistenza soċjali jew il-maniġer taċ-ċentru distrettwali ta' għajjnuna għall-familji);

- l-Artikolu 61(1)(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jstabilixxi li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi jistgħu, fi ħdan il-qafas tad-dmirijiet legali tagħhom, jifhem proċeduri għall-manteniment suġġetti għall-kunsens bil-miktub tal-persuna fiżika kkonċernata;

- prosekutur pubbliku fejn dan ikun neċessarju sabiex jiġi osservat l-istat tad-dritt u l-interess pubbliku.

Ir-rappreżentanti statutorji jaġixxu f'isem il-minuri intitolati għall-manteniment. Madankollu, għaladarba l-minuri jaġhlaq l-età maġġuri, dan jaġixxi b' mod indipendenti.

Konkubin jew persuna li taf lill-persuna intitolata għall-manteniment ma tistax taġixxi f'isem il-persuna intitolata għall-manteniment, jekk ma tkunx xi waħda mill-persuni elenkati hawn fuq.

5 Jekk qed naħseb biex inressaq il-każ quddiem il-qorti, kif inkun naf liema qorti għandha l-ġuriżdizzjoni?

Skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-qrati distrettwali għandhom ġuriżdizzjoni *ratione materiae* f'kawżi dwar il-manteniment. Il-ġuriżdizzjoni territorjali tiġi ddeterminata skont il-post ta' residenza tal-persuna intitolata għall-manteniment jew il-post ta' residenza tal-konvenut. Il-qrati b'ġuriżdizzjoni fuq municiplalitajiet speċifiċi huma speċifikati fir-Regolament tal-Ministru għall-Ġustizzja tat-28 ta' Diċembru 2018 dwar id-determinazzjoni tas-sede u l-ġuriżdizzjoni tal-qrati tal-appell, il-qrati reġjonali u l-qrati distrettwali u l-ambitu tal-kompetenza tagħhom (Ġurnal tal-Liġijiet 2018, Partita 2548).

Il-qrati reġjonali għandhom ġuriżdizzjoni f'kawżi dwar ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet tal-qrati tal-Istati Membri tal-UE fil-Polonja (il-paragrafu 1 tal-Artikolu 1151(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) jekk kienet ingħatat deċiżjoni qabel ma l-Istat li fiha ngħatat iffirma l-Protokoll ta' The Hague tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligati ta' Manteniment (ĠU L 331, 16.12.2009, p. 17), jiġifieri qabel it-18 ta' Ġunju 2011.

F'konformità mal-Artikolu 1153(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, it-titoli li ġejjin huma eżegwibbli fil-Polonja:

- 1) sentenzi mogħtija mill-qrati tal-Istati Membri tal-UE u ftehimiet u dokumenti uffiċjali maħruġa minn dawk l-istati li jaqgħu taħt ir-Regolament Nru 1215/2012 jekk ikunu eżegwibbli;
- 2) sentenzi mogħtija mill-qrati tal-Istati Membri tal-UE, soluzzjonijiet u dokumenti uffiċjali maħruġa minn dawk l-istati ċċertifikati bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar;
- 3) l-Ordni Ewropew ta' Infurzar mogħtija mill-qrati tal-Istati Membri tal-UE li ġew iddikjarati eżegwibbli f'dawk l-istati skont ir-Regolamenti Nru 1896/2006;
- 4) sentenzi mogħtija mill-qrati tal-Istati Membri tal-UE fil-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u ċċertifikati f'dawk l-istati skont ir-Regolament Nru 861/2007;
- 5) deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet ta' manteniment mogħtija fl-Istati Membri tal-UE li ffirmaw il-Protokoll ta' The Hague tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligati ta' Manteniment (ĠU L 331, 16.12.2009, p. 17), kif ukoll soluzzjonijiet u dokumenti uffiċjali dwar kwistjonijiet ta' manteniment minn dawk l-istati u li jaqgħu taħt ir-Regolament Nru 4/2009;
- 6) is-sentenzi mogħtija fl-Istati Membri tal-UE li jinkludu l-miżuri ta' protezzjoni li jaqgħu taħt ir-Regolament Nru 606/2013 jekk ikunu eżegwibbli.

6 Bħala applikant, neħtieġ intermedjarju biex inressaq il-każ quddiem il-qorti (pereżempju avukat, awtorità ċentrali jew lokali, eċċ.)? Jekk le, liema proċeduri japplikaw?

Ir-rappreżentazzjoni minn avukat mhix meħtieġa f'kawżi ta' manteniment. Il-partijiet jistgħu jaġixxu f'isimhom jew permezz ta' rappreżentanti professjonisti.

Ara l-punti 7 u 20 għal informazzjoni dettaljata dwar il-possibbiltà tal-ħatra ta' avukat *ex officio* biex jidher f'isem il-parti intitolata għall-manteniment.

7 Irrid inħallas xi miżati biex inressaq il-każ quddiem il-qorti? Jekk iva, kemm jistgħu jitilgħu? Jekk ma jkollix biżżejjed mezz finanzjarji, nista' ningħata għajnuna legali li tkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Il-parti li qiegħda titlob il-manteniment u l-konvenut f'kawża dwar tnaqqis fl-ammont ta' manteniment huma eżenti mill-ispejjeż tal-qorti (l-Artikolu 96(1)(2) tal-Att tat-28 ta' Lulju 2005 dwar l-ispejjeż tal-qorti f'kawżi ċivili (Ġurnal tal-Liġijiet 2005, Nru 167, Partita 1398, kif emendat)). Dawn il-persuni huma eżenti għalkollox, li jfisser illi ma jġarrbux spejjeż tal-qorti, spejjeż fl-appell jew spejjeż ta' eżekuzzjoni.

Persuna obbligata tħallas il-manteniment tista' wkoll titlob eżenzjoni mill-ispejjeż tal-qorti meta titlob bidla fl-ammont tal-konċessjoni. F'tali sitwazzjonijiet għandha tiġi ppreżentata dikjarazzjoni tal-assi u tad-dħul riċevut u l-qorti tiegħu deċiżjoni wara li teżamina l-kwistjoni.

Barra minn hekk, il-parti li tgawdi mill-eżenzjoni mill-ispejjeż tal-qorti tista' tapplika għall-għajnuna legali fil-forma ta' avukat maħtur *ex officio*. Jekk it-talba għal avukat tiġi milqugħa, it-tariffi tal-avukat jiġu koperti mill-avversarju ta' dik il-parti. Jekk l-aħħar imsemmija persuna tiflew il-kawża, it-tariffi tal-avukat jiġihallsu mit-Teżor tal-Istat.

Id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Istati Membri f'dan ir-rigward huma regolati mill-Att tas-17 ta' Diċembru 2004 dwar id-dritt għal assistenza fi proċedimenti ċivili li qegħdin isiru fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u dwar id-dritt għal assistenza bil-għan tar-riżoluzzjoni amikevoli ta' tilwima qabel ma tinfetaħ kawża ċivili (il-Ġurnal tal-Liġijiet 2005, Nru 10, il-partita 67).

8 X'tip ta' manteniment x'aktarx tagħti l-qorti? Kif jiġi kkalkulat l-ammont tal-manteniment? Id-deċiżjoni tal-qorti tista' tiġi riveduta jekk jinbidlu l-għoli tal-ħajja jew iċ-ċirkustanzi familjari? Jekk iva, kif (pereżempju permezz ta' sistema tal-indiċjar awtomatiku)?

L-ammont tal-manteniment jiddependi mill-kapaċitajiet ta' qligħ u finanzjarji tal-persuna li trid tħallsu u mill-bżonnijiet raġonevoli tal-persuna intitolata għalih. Il-bżonnijiet tal-persuna intitolata għall-manteniment jinkludu dak kollu li huwa meħtieġ għall-għajxien tagħha, fis-sens ta' bżonnijiet kemm materjali u kif ukoll mhux materjali (kulturali u spiritwali). Il-bżonnijiet tal-minuri jinkludu wkoll l-ispejjeż tat-trobbija. Fl-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet finanzjarji u ta' qligħ tal-persuni li jridu jħallsu l-manteniment, mhuwiex l-introjtu li verament jaqilgħu li jiġi kkunsidrat iżda l-introjtu li jistgħu jaqilgħu jekk jagħmlu użu sħiħ mill-kapaċitajiet tagħhom. Dan ifisser illi anke persuna mingħajr xogħol li ma għandhiex dħul regolari tista' tiġi ordnata tħallas il-manteniment u l-ħlas jista' jiġi infurzat.

Meta jkun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi, tista' tintalab bidla fid-deċiżjoni tal-qorti jew fil-ftehim dwar il-manteniment. Kull parti fl-arranġament ta' manteniment tista' titlob dan it-tibdil. Skont iċ-ċirkostanzi fattwali, parti tista' titlob it-tħassir tal-obbligu ta' manteniment, jew it-tnaqqis jew iż-żieda tal-ammont tal-manteniment. L-ammont ta' manteniment jista' jinbidel jekk il-bżonnijiet raġonevoli tal-persuna intitolata għall-manteniment jew il-kapaċità ta' qligħ tal-persuna li trid tħallas il-manteniment żdiedu jew naqsu.

Fil-Polonja m'hemmx ammont ta' manteniment fiss u l-manteniment ma jiġix ikkalkulat bħala perċentwali tal-introjtu tal-persuna li trid tħallsu. Fl-2014, il-paga minima kienet ta' PLN 1 680 (madwar EUR 400) gross. Fl-2013, ir-remunerazzjoni medja kienet ta' PLN 3 650 (madwar EUR 900) gross fix-xahar. Fl-2015 il-paga minima kienet ta' PLN 1 750 gross, fl-2016 kienet ta' PLN 1 850 gross, fl-2019 kienet ta' PLN 2 250 gross, fl-2020 kienet ta' PLN 2 600 gross; fl-2021 kienet ta' PLN 2 800 gross, fl-2022 kienet ta' PLN 3 010 gross, fil-perjodu minn Jannar sa Ġunju 2023 kienet ta' PLN 3 490 gross, minn Lulju 2023 hija ta' PLN 4 300 gross, minn Jannar 2024 kienet ta' PLN 4 242 gross, u minn Lulju 2024 hija ta' PLN 4 300 gross. Fil-prattika, fil-maġġoranza tal-każijiet l-ammont ta' manteniment ordnat mill-qorti jvarja minn PLN 300 sa PLN 1 000 fix-xahar għal kull wild. L-ammont ta' manteniment mhux suġġett għal indiċjar awtomatiku skont l-età tal-wild jew l-inflazzjoni.

9 Kif jiħallas il-manteniment u lil min?

Il-persuna msemmija bħala d-debitur f'ordni ta' eżekuzzjoni hija meħtieġa tħallas il-manteniment. Bħala regola ġenerali, il-manteniment mogħti fil-Polonja jiħallas fi zloty Pollakki lir-rappreżentant legali tal-minuri (fi flus jew bi trasferiment bankarju) kull xahar, normalment sal-għaxar jum ta' kull xahar. F'każ ta' dewmien fil-ħlas, is-sentenzi jipprovdu għall-imgħax legali (sa mit-8 ta' Settembru 2022 ir-rata tal-imgħax legali hija ta' 12.25 % fis-sena) fuq l-ammont pendenti (l-Artikolu 481(2) tal-Kodiċi Ċivili).

Għalhekk, bħala regola ġenerali, obbligu ta' manteniment jitwettaq esklussivament mill-persuna mitluba li tħallsu. Jekk dik il-persuna ma tħallsux volontarjament, il-persuna intitolata għall-manteniment tista' titlob lill-awtorità kompetenti ta' eżekuzzjoni biex jinbdew proċedimenti ta' eżekuzzjoni (normalment uffċjal ġudizzjarju). L-eżekuzzjoni tista' ssir ukoll *ex officio* fuq talba tal-qorti tal-prim'istanza li tat id-deċiżjoni bl-ammont ta'

manteniment. Il-persuna intitolata għall-manteniment tista' tinnotifika mandat ta' sekwestru fuq il-post tax-xogħol tad-debitur jew lill-istituzzjoni li tħallas il-pensjoni tad-debitur u titlob illi l-manteniment dovut jitnaqqas mill-ammonti pagabbli lid-debitur. Din it-talba hija vinkolanti fuq il-parti paganti.

Ġaladarba l-wild ikun laħaq l-età maġġuri, dan isir kreditur indipendenti u l-manteniment għandu jitħallas lilu, ħlief jekk, bħala kreditur adult, ma jaqbilx mal-forma preċedenti ta' ħlas (eż. billi jagħti prokura u jippreżentaha lill-korp tal-eżekuzzjoni). Ma hemmx il-ħtieġa li tiġi emendata d-deċiżjoni tal-manteniment jew li jiġi indikat li l-manteniment għandu jitħallas lil adult.

Meta jiġi ppreżentat rikors għall-eżekuzzjoni kontra d-debitur tal-manteniment, jista' jintgħażel kwalunkwe uffiċjal ġudizzjarju. F'konformità mal-Artikolu 921 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-eżekuzzjoni fuq proprjetà immobbli titwettaq minn uffiċjal ġudizzjarju fil-qorti li fid-distrett tagħha tkun tinsab il-proprjetà immobbli. Jekk il-proprjetà immobbli tinsab fil-ġurisdizzjoni ta' diversi qrati, il-kreditur jagħżel bejniethom. Madankollu, proċedimenti mibdija fuq talba ta' kreditur wieħed jistgħu jingħaqdu ma' proċedimenti mibdija fuq talba ta' kredituri oħra. Għal dan l-għan, uffiċjal ġudizzjarju li jkun beda eżekuzzjoni jinnotifika lill-uffiċjal ġudizzjarju li jista' jkun responsabbli għall-eżekuzzjoni bil-bidu u bit-tlestija sussegwenti tal-eżekuzzjoni.

10 Jekk il persuna kkonċernata (id-debitur) ma tħallasx volontarjament, x'azzjoni tista' tittieħed biex tkun imġiegħla tħallas?

Jekk il-persuna li trid tħallas il-manteniment tonqos milli tagħmel dan volontarjament, tista' tiġi sfurzata tħallas (ara l-punt 9).

Barra minn hekk, fid-dawl tal-Artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali (Il-Ġurnal tal-Liġijiet 1997, Nru 88, il-partita 553), kwalunkwe persuna li tevadi l-konformità ma' obbligu ta' manteniment stabbilit b'deċiżjoni tal-qorti, bi ftehim bonarju mil'huq quddiem qorti jew awtorità oħra jew skont ftehim ieħor, hija soġġetta għal multa, għal miżuri mhux ta' kustodja jew għal priġunerija ta' mhux iktar minn sena, jekk l-ammont totali tal-arretrati jkun ekwivalenti għal mill-inqas tliet pagamenti regolari tal-manteniment jew jekk id-dewmien fil-ħlas tal-manteniment mhux regolari jaqbeż it-tliet xhur. Jekk it-trażgressur jikkawża li l-persuna intitolata ma tkunx tista' tissodisfa l-bżonnijiet essenzjali bażiċi tagħha, it-trażgressur ikun soġġett għal multa, għal miżuri mhux ta' kustodja jew għal priġunerija ta' mhux iktar minn sentejn.

Ir-reat jitressaq il-qorti fuq talba tal-vittma, istituzzjoni soċjali jew korp li jmexxi kontra debitur ta' manteniment. Jekk il-vittma tkun ingħatat benefiċċji jew gratifiki tal-familja xierqa li jitħallsu f'każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-ħlas tal-manteniment, il-prosekuzzjoni ssir *ex officio*.

L-Artikolu 5(3b)(2) tal-Att tas-7 ta' Settembru 2007 dwar l-għajnuna għal persuni intitolati għall-manteniment (Ġurnal tal-Liġijiet 2007, Nru 192, Partita 1378) jipprovdi illi l-awtorità kompetenti tista' tappella għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tad-debitur.

Jekk l-eżekuzzjoni ma tirnexxix, l-uffiċjal ġudizzjarju jista' jitlob illi d-debitur jitniżżel fir-reġistru għad-debituri insolventi.

11 Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor kwalunkwe limitazzjonijiet fl-infurzar, b'mod partikulari regoli għall-protezzjoni tad-debitur u limitazzjoni jew perjodi ta' preskrizzjoni fis-sistema tal-infurzar tiegħek

Skont l-Artikolu 1083(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-pagamenti pendenti ta' manteniment jistgħu jiġu koperti kollha permezz tas-sekwestru ta' kont bankarju.

Skont l-Artikolu 833(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ir-rimunerazzjoni għax-xogħol hija suġġetta għal sekwestru sa fejn jispeċifika l-Kodiċi dwar ix-Xogħol. Bħala regola ġenerali, jista' jiġi ssekwestrat 60% tas-salarju. Tlieta minn kull ħamsa tal-ammonti mogħtija mit-Teżor tal-Istat għal għanijiet speċjali, speċjalment għotjiet u għajnuna, jistgħu jiġu maqbuda wkoll (l-Artikolu 831(1)(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 829 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, dawn li ġejjin mhumiex suġġetti għas-sekwestru:

- 1) oġġetti tad-dar, friex, bjankerija intima u ħwejjeġ ta' kuljum li huma strettament neċessarji għad-debitur u għall-membri dipendenti tal-familja tiegħu, kif ukoll il-ħwejjeġ li huma strettament neċessarji sabiex jagħti servizz jew għal xogħol professjonali;
- 2) ikel u provvisti ta' fjuwil li jkunu neċessarji sabiex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet bażiċi tad-debitur u tal-membri dipendenti tal-familja tiegħu għal perjodu ta' xahar;
- 3) baqra waħda, żewġ mogħżiet jew tliet nagħġiet meħtieġa għas-sussistenza tad-debitur u d-dipendenti tiegħu, bi provvista suffiċjenti ta' għalf u friex għal sopravivenza sal-ħsad li jmiss;
- 4) għodod u strumenti oħrajn li jistgħu jkunu neċessarji għall-użu personalment mid-debitur sabiex iwettaq xogħol bi ħlas, u dik il-materja prima li tista' tkun neċessarja għall-proċess ta' produzzjoni għal perjodu ta' ġimgħa, minbarra vetturi bil-mutur;
- 5) fil-każ ta' debitori f'impjieg perjodiku permanenti, l-ammont ta' flus li jikkorrispondi għall-porzjon mhux eżegwibbli tas-salarju għall-perjodu sad-data tal-pendenza li jmiss; u fil-każ ta' debitori mingħajr salarju regolari, l-ammont ta' flus strettament neċessarju għas-sussistenza tad-debitur u tal-membri dipendenti tal-familja tiegħu għal perjodu ta' ġimagħtejn;
- 6) oġġetti neċessarji għal finijiet edukattivi, dokumenti personali, oġġetti tat-tiżjin u oġġetti użati għal prattiki reliġjużi, kif ukoll oġġetti ta' kuljum li jistgħu jinbiegħu biss bi prezz ħafna inqas mill-valur tagħhom, iżda b'livell għoli ta' valur ta' utilità għad-debitur;
- 7) prodotti mediċinali fi ħdan it-tifsira tal-Att Farmaċewtiku tas-6 ta' Settembru 2001 (il-Ġurnal tal-Liġijiet 2019, il-partita 499, kif emendata) li huma neċessarji għall-funzjonament tal-istituzzjoni tal-kura tas-saħħa fi ħdan it-tifsira tad-dispożizzjonijiet legali dwar il-kura tas-saħħa għal perjodu ta' tliet xhur u prodotti mediċinali meħtieġa strettament għall-funzjonament tagħha fi ħdan it-tifsira tal-Att dwar il-Prodotti Mediċinali tal-20 ta' Mejju 2010 (il-Ġurnal tal-Liġijiet, Nru 107, il-partita 679 u l-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2011, Nru 102, il-partita 586 u Nru 113, il-partita 637);
- 8) oġġetti jew tagħmir ieħor neċessarju minħabba diżabilità tad-debitur jew tal-membri tal-familja tiegħu.

Skont l-Artikolu 833(6) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, lanqas ma huma suġġetti għall-eżekuzzjoni l-allowances tal-manteniment, il-kumpens pagabbli f'każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-ħlas tal-manteniment, il-benefiċċji tal-familja, l-allowances tal-familja, tal-kura jew tat-twellid, l-allowances għall-orfn li jkunu tilfu liż-żewġ ġenituri tagħhom, il-benefiċċji għal min jieħu ħsieb ħaddieħor, il-benefiċċji soċjali, il-benefiċċji għall-integrazzjoni, il-benefiċċji għat-trobbija jew il-benefiċċju ta' darba msemmi fl-Artikolu 10 tal-Att tal-4 ta' Novembru 2016 dwar skema ta' appoġġ għal nisa tqal u l-familji tagħhom "Za życiem" ["Għall-Ħajja"] (il-Ġurnal tal-Liġijiet 2019, il-partita 473).

Il-Ministru għall-Ġustizzja b'konsultazzjoni mal-Ministru tal-Agricoltura u l-Ministru tal-Finanzi jispeċifika, permezz ta' regolament ministerjali, liema oġġetti tal-bidwi ma jistgħux ikunu soġġetti għal eżekuzzjoni. (L-Artikolu 830 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Barra minn hekk, l-Artikolu 831 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi li 75 % tal-ammonti, b'mod partikolari, tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali fi ħdan it-tifsira tal-Att tat-12 ta' Marzu 2004 dwar l-assistenza soċjali (il-Ġurnal tal-Liġijiet 2013, il-partita 182, kif emendata) u r-riċevibbli dovuti lid-debitur mill-baġit tal-Istat jew mill-Fond Nazzjonali għas-Saħħa (*Narodowy Fundusz Zdrowia*) għall-provvista ta' benefiċċji tas-saħħa fi ħdan it-tifsira tal-Att tas-27 ta' Awwissu 2004 dwar il-benefiċċji tas-saħħa mill-fondi pubbliċi (il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2008, Nru 164, il-partita 1027, kif emendata) qabel ma jingħataw dawn il-benefiċċji, ma humiex suġġetti għal eżekuzzjoni, sakemm dawn ma jkunux riċevibbli dovuti lill-impjegati jew lill-fornituri tas-servizzi tad-debitur imsemmija fl-Artikolu 5(41)(a) u (b) tal-Att dwar il-Benefiċċji tal-Kura tas-Saħħa Ffinanzjati mill-Fondi Pubbliċi tas-27 ta' Awwissu 2004.

L-Artikolu 137(1) tal-Kodiċi dwar il-Familja u t-Tutela jipprovdi illi t-talbiet għall-manteniment huma suġġetti għal preskrizzjoni ta' tliet snin. Madankollu, ta' min jinnota li dan it-terminu ta' preskrizzjoni jikkonċerna talbiet li ma ġewx affermati.

L-Artikolu 121(1) tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi li fil-każ ta' talba ta' wild kontra ġenitur, il-perjodu ta' preskrizzjoni

ma jibdiex jiddekorri matul il-perjodu tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Kwalunkwe perjodu ta' preskrizzjoni li jkun beda jiddekorri jiġi sospiż fir-rigward tat-talbiet tal-wild.

12 Teżisti organizzazzjoni jew awtorità li tista' tgħini nirkupra l-manteniment?

Kif imsemmi fil-punt 4, rikors għal manteniment jista' jiġi ppreżentat f'isem il-persuna intitolata, fost l-oħrajn, mill-manigġers taċ-ċentri ta' assistenza soċjali, minn ċerti organizzazzjonijiet soċjali, mir-rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-gvern lokali responsabbli għall-assistenza soċjali u, f'ċerti każijiet ukoll, mill-prosekuturi pubbliċi. Dawn l-entitajiet jistgħu jgħinu lill-konvenut ukoll billi jipparteċipaw fi proċedimenti ta' manteniment li jkunu diġà nbdew. Ir-rwol tagħhom huwa li jgħinu lill-persuna intitolata għall-manteniment fi proċedimenti l-qorti.

Il-qorti reġjonali li jaġixxu bħala awtorità ċentrali skont id-dritt internazzjonali jgħinu lill-persuni intitolati sabiex iressqu talbiet għall-manteniment barra mill-pajjiż. Għajna legali internazzjonali (bħal pereżempju eżenzjoni mill-ispejjeż ġudizzjarji jew l-assenjazzjoni ta' rappreżentant legali) tista' tintalab permezz tal-qorti reġjonali kompetenti. Madankollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu li jekk tali għajna legali tkunx mingħajr ħlas jew parzjalment bi ħlas jiddependi fuq ir-regoli tal-Istat riċeventi.

Persuni li jgħixu barra mill-pajjiż li jkunu jixtiequ jressqu talbiet għall-manteniment mingħand debitur residenti fil-Polonja jistgħu jirċievu assistenza sabiex iressqu r-rikors mill-awtoritajiet kompetenti ċentrali barra mill-pajjiż (lista disponibbli hawnhekk: <https://www.gov.pl/web/stopuprowadzeniomdzieci/lista-organow-centralnych>,

f'konformità mat-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn l-awtoritajiet ċentrali fil-Polonja, dawn jgħaddu d-dokumentazzjoni għal azzjoni ulterjuri lill-Ministeru tal-Ġustizzja (id-Dipartiment tal-Proċedimenti Internazzjonali tal-Familja fid-Dipartiment tal-Familja u l-Kwistjonijiet tal-Minuri).

Huwa wkoll possibbli li jiġi ppreżentat rikors direttament quddiem il-qorti distrettwali kompetenti jew l-awtorità tal-eżekuzzjoni.

Informazzjoni dwar kif tikseb għajna legali bla ħlas tinsab ukoll f'dan is-sit: <https://np.ms.gov.pl/>

Madankollu, għandu jiġi nnotata li l-awtoritajiet ċentrali Pollakki – kemm il-Ministeru għall-Ġustizzja kif ukoll il-qorti distrettwali – ma jirrappreżentawx lill-partijiet, u lanqas jistgħu jipprovdu pariri legali minflok ir-rappreżentanti professjonali.

13 Jistgħu l-organizzazzjonijiet (statali jew privati) iħallsu kompletament jew parzjalment il-manteniment f'isem id-debitur?

L-Att tas-7 ta' Settembru 2007 dwar l-għajna lil persuni intitolati għall-manteniment (Ġurnal tal-Liġijiet 2009, Nru 1, Partita 7, kif emendat) jistabbilixxi r-regoli għall-għajna mill-Istat għal persuni intitolati għall-manteniment f'każijiet fejn l-eżekuzzjoni ma rnexxiex.

Allowances mill-fond tal-manteniment jistgħu jinkisbu biss jekk id-dħul tal-familja ta' kull persuna ma jaqbiżx it-PLN 800 fix-xahar, u, mill-1 ta' Lulju 2020, id-PLN 900 fix-xahar.

Mill-1 ta' Lulju 2020, ġiet applikata wkoll ir-regola ta' "zloty għal kull zloty" – jekk id-dħul tal-familja ta' kull persuna jaqbeż l-ammont imsemmi hawn fuq ta' PLN 900, l-għajna titnaqqas u tkun dovuta fl-ammont li jirrappreżenta d-differenza bejn l-ammont tal-allowance mill-fond ta' manteniment dovut lill-persuna intitolata u l-ammont li bih jinqabeż id-dħul tal-familja ta' kull persuna (l-Artikolu 9(2a)). Madankollu, jekk l-allowance kkalkulata b'dan il-mod tkun inqas minn PLN 100, tinħareġ deċiżjoni ta' rifjut u l-allowance ma titħallasx (l-Artikolu 9(2b)).

Ir-rikorsi għandhom jiġu ppreżentati fl-uffiċċju municijali jew tal-belt li jkollu l-ġurisdizzjoni fuq il-post tar-residenza tal-persuna intitolata għall-manteniment. L-iżborż tal-allowances mill-fond jista' jiġi ddelegat ukoll lil unità organizzattiva tal-muniċipalità, eż. lil ċentru tal-assistenza soċjali.

Jekk madankollu, il-persuna intitolata għal ħlas bil-quddiem tal-manteniment tkun tgħix f'istituzzjoni li tipprovdi kollox (pereżempju ċentru għall-assistenza soċjali, faċilità ta' kura edukattiva, ċentru ta' detenzjoni taż-żgħażaġh jew ċentru ta' kustodja provviżorja) jew ma' familja tal-fostering, tkun iżżewġet jew kellha t-tfal u jkollha dritt

għal benefiċċju tal-familja, il-ħlas bil-quddiem ma jingħatax lil dik il-persuna.

L-Att japplika biss jekk il-persuna intitolata għall-manteniment tkun residenti l-Polonja matul il-perjodu ta' meta jkun dovut il-ħlas bil-quddiem. Għal aktar informazzjoni, ara hawn: <https://www.gov.pl/web/rodzina/wiadczenia-z-funduszu-alimentacyjnego>

14 Jekk ninsab f'dan l-Istat Membru u d-debitur għandu r-residenza tiegħu f'pajjiż ieħor:

Jekk id-debitur ikollu r-residenza tiegħu barra l-pajjiż u l-persuna intitolata għall-manteniment ttirrisjedi fil-Polonja, il-qorti reġjonali li għandha ġurisdizzjoni fuq il-post ta' residenza tal-persuna intitolata, fir-rwol tagħha ta' awtorità rilevanti ċentrali, tgħinha tippreżenta rikors għall-manteniment. Din l-għajjuna tinvolvi l-għoti lill-persuna intitolata ta' kull informazzjoni u assistenza neċessarja sabiex tikkompleta d-dokumenti meħtieġa, u l-verifika li r-rikors huwa formalment korrett qabel ma dan jiġi ppreżentat quddiem l-awtorità kompetenti ċentrali barra mill-pajjiż.

14.1 Nista' nikseb assistenza ta' awtorita jew organizzazzjoni privata f'dan l-Istat Membru?

Iva (awtorità kompetenti ċentrali maħtura skont l-Artikolu 49 tar-Regolament (KE) Nru 4/2009).

14.2 Jekk iva, kif nista' nikkuntattja lill-awtorità jew l-organizzazzjoni privata?

Il-Parti A ta' talba sottomessa skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment timtela mill-qorti reġjonali.

Lista ta' Qrati Reġjonali li jaġixxu bħala awtorità ċentrali (sa Marzu 2024)

Qorti	Indirizz	Telefown: (+48)	Faks: (+48)	Indirizz elettroniku
Il-Qorti Reġjonali ta' Białystok	Inspection Department ul. Marii Skłodowskiej-Curie 1 15-950 Białystok	85 745 92 20		oz@bialystok.so.gov.pl
	Overseas Legal Affairs	33 499 04		
Il-Qorti Reġjonali Bielsko-Biała	ul. Cieszyńska 10 43-300 Bielsko-Biała	88		patrycja.pater-osuch@bielsko-biala.so.gov.pl
	IX Wydział Wizytacyjny (Taqsim) 9 – Spezzjoni ul. Wały Jagiellońskie			
Il-Qorti Reġjonali ta' Bydgoszcz	2 85-128 Bydgoszcz	52 325 31 55		oz@bydgoszcz.so.gov.pl
	Administrative Department ul. Dąbrowskiego			
Il-Qorti Reġjonali ta' Częstochowa	23/35 42-200 Częstochowa	34 368 44 25		prezes@czestochowa.so.gov.pl anna.bocianowska@czestochowa.so.gov.pl
	Administrative Department	55 611 24		
Il-Qorti Reġjonali ta' Elbląg	pl. Konstytucji 1 82-300 Elbląg	09		oddzial.administracyjny@elblag.so.gov.pl
	Administrative Department			
Il-Qorti Reġjonali ta' Gdańsk	ul. Nowe Ogrody 30/34 80-803 Gdańsk	58 321 31 19		section.oz@gdansk.so.gov.pl
			58 3213104	

Separate Section for
Overseas Legal Affairs

Il-Qorti Reġjonali ta' Gliwice	ul. Kościuszki 15 44-100 Gliwice	32 338 00 52		oz@gliwice.so.gov.pl
	Overseas Legal Affairs			
		95 725 67		
Il-Qorti Reġjonali ta' Gorzów Wielkopolski	ul. Mieszka I 33 66-400 Gorzów Wielkopolski	02 95 725 67 18	95 7202807 95 7256790	sekretariat@gorzow-wlkp.so.gov.pl marta.samolak@gorzow-wlkp.so.gov.pl
	Administrative Department - Overseas Legal Affairs			
	al. Wojska Polskiego			
Il-Qorti Reġjonali ta' Jelenia Góra	56 58-500 Jelenia Góra	75 641 51 13	75 7525113	oz@jelenia-gora.so.gov.pl o.administracyjny@jelenia-gora.so.gov.pl
	Inspection Department			
Il-Qorti Reġjonali ta' Kalisz	al. Wolności 13 62-800 Kalisz	62 765 77 38	62 5944544	wizytacja@kalisz.so.gov.pl administracja@kalisz.so.gov.pl
	Section for Complaints and Petitions and for Overseas Legal Affairs			
		32 607 01 83		
Il-Qorti Reġjonali ta' Katowice	ul. Francuska 38 40-028 Katowice	32 783 68 06		obrot_zagraniczny@katowice.so.gov.pl dawid.kaczmarzyk@katowice.so.gov.pl wojciech.gryzlo@katowice.so.gov.pl
	VIII Wydział	41 340 23 20		
	Wizytacyjny (Taqsim 8 - Spezzjoni)	41 340 23 82		
Il-Qorti Reġjonali ta' Kielce	ul. Seminaryjska 12 a 25-372 Kielce	41 340 24 92	41 3402320	oz@kielce.so.gov.pl
		63 246 45		
Il-Qorti Reġjonali ta' Konin	ul. Energetyka 5 62-510 Konin	57	63 2451421	oz@konin.so.gov.pl administracja@konin.so.gov.pl
	Administrative Department			
Il-Qorti Reġjonali ta' Koszalin	ul. Waryńskiego 7 75-541 Koszalin	94 342 87 50	94 3428897	administracja@koszalin.so.gov.pl
		12 619 52 41		
	Administrative Department	12 619 52 62		
Il-Qorti Reġjonali ta' Kraków	ul. Przy Rondzie 7 31-547 Kraków	12 619 52 04	12 6195665	oz@krakow.so.gov.pl
	Administrative Department	13 437 36 71		
Il-Qorti Reġjonali ta' Krosno	ul. Sienkiewicza 12 38-400 Krosno	13 437 36 73	13 4320570	obrot.zagr@krosno.so.gov.pl administracja@krosno.so.gov.pl
	VII Wydział Wizytacyjny (Taqsim 7 - Spezzjoni)			
Il-Qorti Reġjonali ta' Legnica	ul. Złotoryjska 40 59-220 Legnica	76 754 50 36	76 7545099	oz@legnica.so.gov.pl

Section for Overseas
Legal Affairs

	ul. Krakowskie Przedmieście 43	81 46010			
Il-Qorti Reġjonali ta' Lublin	20-076 Lublin	04	81 4601138	malgorzata.stec-szewczyk@lublin.so.gov.pl	obrotzagranczny@lublin.so.gov.pl
		86 216 62			
		81			
		(ext. 254)			
		86 216			
		6282			
		(ext. 254)			
		86 216 62			
		83			
		(ext. 254)			
		86 216 62			
	Administrative Department	84			
		(ext. 254)			
Il-Qorti Reġjonali ta' Łomża	ul. Dworna 16 18-400 Łomża	86 215 42			sekretariat@lomza.so.gov.pl
	XI Wydział Wizytacyjny (Taqsim 11 - Spezzjoni) (room 118)				
Il-Qorti Reġjonali ta' Łódź	Plac Dąbrowskiego 5 90-921 Łódź	42 677 87			
		99	42 2126082	oz@lodz.so.gov.pl	
	Administrative Department	18 448 21			
		85			
Il-Qorti Reġjonali ta' Nowy Sącz	ul. Pijarska 3 33-300 Nowy Sącz	18 448 21			alimenty@nowysacz.so.gov.pl
	VIII Wydział Wizytacyjny (Taqsim 8 - Spezzjoni)	43			
	ul. Dąbrowszczaków 44A	89 521 60			
Il-Qorti Reġjonali ta' Olsztyn	10-543 Olsztyn	49	89 6123838	oz@olsztyn.so.gov.pl	
	VIII Wydział Wizytacyjny (Taqsim 8 - Spezzjoni)				
Il-Qorti Reġjonali ta' Opole	pl. Daszyńskiego 1 45-064 Opole	77 541 81			
		34	77 5418109	obrot.zagr@opole.so.gov.pl	
Il-Qorti Reġjonali ta' Ostrołęka	ul. Gomulickiego 5 07-410 Ostrołęka	29 765 01			
		30	29 7650181	sekretariat@ostroleka.so.gov.pl	
	Administrative Department	44 649 41			
		59			
Il-Qorti Reġjonali ta' Piotrków Trybunalski	ul. Słowackiego 5 97-300 Piotrków Trybunalski	44 649 41			oz@piotrkow-tryb.so.gov.pl
		21			
	Administrative Department	24 269 73			
		20			
Il-Qorti Reġjonali ta' Płock	pl. Narutowicza 4 09-404 Płock	24 269 73			oz@plock.so.gov.pl
		64	24 2625253	urszula.wyrwas@plock.so.gov.pl	
	Section for Overseas Legal Affairs	61 628 37			
		30			
		61 628 37			
	ul. Stanisława Hejmowskiego 2	31			
Il-Qorti Reġjonali ta' Poznań	61-736 Poznań	61 628 37			
		34	61 6283739	opzagr@poznan.so.gov.pl	

II-Qorti Reġjonali ta' Przemyśl	Administrative Department ul. Konarskiego 6 37 - 700 Przemyśl	16 676 13 36	16 6761353	magdalena.telega@przemysl.so.gov.pl
II-Qorti Reġjonali ta' Radom	VII Wydział Wizytacyjny (Taqsim) 7 - Spezzjoni ul. Piłsudskiego 10 26-600 Radom	48 677 67 80		wizytacje@radom.so.gov.pl monika.tomala@radom.so.gov.pl
II-Qorti Reġjonali ta' Rybnik	Administrative Department ul. Józefa Piłsudskiego 33 44-200 Rybnik	32 784 05 78	32 7840402	oz@rybnik.so.gov.pl
II-Qorti Reġjonali ta' Rzeszów	VII Wydział Wizytacyjny (Taqsim) 7 - Spezzjoni Plac Śreniawitów 3 35-959 Rzeszów	17 875 63 94	17 8627265	elzbieta.czudec@rzeszow.so.gov.pl
II-Qorti Reġjonali ta' Siedlce	Administrative Department ul. Sądowa 2 08-110 Siedlce	25 640 78 46		poczta@siedlce.so.gov.pl marzena.sosnowska@siedlce.so.gov.pl
II-Qorti Reġjonali ta' Sieradz	Administrative Department al. Zwycięstwa 1 98-200 Sieradz	43 826 66 07	43 656 8975	sekretariat@sieradz.so.gov.pl oz@sieradz.so.gov.pl
II-Qorti Reġjonali ta' Słupsk	Inspection Department ul. Zamenhofs 7 76-200 Słupsk	59 846 95 43	59 8469424 59 8469429	agnieszka.kozlowska@slupsk.so.gov.pl referat.wiz@slupsk.so.gov.pl
II-Qorti Reġjonali ta' Sosnowiec	Inspection Department ul. S. Żeromskiego 3 41-205 Sosnowiec	87 563 12 13		oz@sosnowiec.so.gov.pl referat.wiz@sosnowiec.so.gov.pl
II-Qorti Reġjonali ta' Suwałki	Inspection Department ul. Waryńskiego 45 16-400 Suwałki	87 563 13 00		sekretariat@suwalki.so.gov.pl anna.kleotko@suwalki.so.gov.pl
II-Qorti Reġjonali ta' Szczecin	Overseas Legal Affairs ul. Małopolska 17 70-227 Szczecin	91 483 01 47	91 4830170	obrot.zagraniczny@szczecin.so.gov.pl
II-Qorti Reġjonali ta' Świdnica	Administrative Department pl. Grunwaldzki 14 58-100 Świdnica	74 851 82 87	74 8518270	dorota.molag@swidnica.so.gov.pl aneta.zajackowska@swidnica.so.gov.pl
II-Qorti Reġjonali ta' Tarnobrzeg	Administrative Department ul. Sienkiewicza 27 39-400 Tarnobrzeg	15 688 25 93		oz@tarnobrzeg.so.gov.pl
II-Qorti Reġjonali ta' Tarnów	Administrative Department ul. J. Dąbrowskiego 27 33-100 Tarnów	14 688 74 09	14 6887417	sad_okregowy@tarnow.so.gov.pl
II-Qorti Reġjonali ta' Toruń	Administrative Department ul. Piekary 51 87-100 Toruń	56 610 56 09	56 6555706	oz@torun.so.gov.pl

	XIX Wydział			
	Wizytacyjny (Taqsim	22 440 11		
	19 - Spezzjoni)	54		paulina.luscinska-dziurda@warszawa.so.gov.pl
Il-Qorti Reġjonali	al. „Solidarności” 127	22 440 60		grzegorz.maslowski@warszawa.so.gov.pl
ta' Varsavja	00-898 Warszawa	77	22 6544411	
	IX Wydział			
	Wizytacyjny (Taqsim			
Il-Qorti Reġjonali	9 - Spezzjoni)			oz@warszawapraga.so.gov.pl
ta' Varsavja-	ul. Poligonowa 3	22 417 73		
Praga	04-051 Warszawa	93		
	Administrative			
	Department			
	ul. Wojska Polskiego			
Il-Qorti Reġjonali	22	54 412 03		
ta' Włocławek	87-800 Włocławek	65	54 412 0365	oz@wloclawek.so.gov.pl
	VI Wydział			
	Wizytacyjny (Taqsim			
Il-Qorti Reġjonali	6 - Spezzjoni)			
ta' Wrocław	ul. Sądowa 1	71 748		
	50-046 Wrocław	2138		oz@wroclaw.so.gov.pl
	Administrative	84 631 69		
	Department	27		
Il-Qorti Reġjonali	ul. Wyszyńskiego 11	84 631 69		aneta.juszczak@zamosc.so.gov.pl
ta' Zamość	22-400 Zamość	28		prezes@zamosc.so.gov.pl
	VIII Wydział			
	Wizytacyjny (Taqsim			
Il-Qorti Reġjonali	8 - Spezzjoni)			oz@zielona-gora.so.gov.pl
ta' Zielona Góra	pl. Słowiański 1	68 322 02		zaneta.pejs@zielona-gora.so.gov.pl
	65-069 Zielona Góra	21	68 4567769	malwina.biedniak@zielona-gora.so.gov.pl

15 Jekk ninsab f'pajjiż ieħor u d-debitur jinsab f'dan l-Istat Membru:

15.1 Nista' nibgħat talba direttament lil tali awtorita jew organizzazzjoni privata f'dan l-Istat Membru?

L-Artikolu 55 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment ma jeħtieġx illi t-talbiet isiru permezz ta' awtorità ċentrali tal-Istat fejn jgħixu l-applikanti. Rikorsi li jkunu konformi mar-rekwiżiti formali stabbiliti fil-Kapitoli IV u VI tar-Regolament u fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistgħu jintbagħtu direttament lill-Qorti Pollakka kompetenti.

Id-dettalji tal-awtoritajiet trażmittenti jinsabu fl-indirizz:

<https://www.gov.pl/web/stopuprowadzeniomdzieci/lista-organow-centralnych>

L-awtoritajiet trażmittenti tal-pajjiżi barranin speċifikati fid-dikjarazzjonijiet annessi mar-Regolament jipprovdu lill-persuna intitolata għall-manteniment bl-informazzjoni neċessarja kollha, jgħinuha tlesti d-dokumenti meħtieġa, jivverifikaw il-korrettezza formali tar-rikors ta' dik il-persuna u jibagħtuh barra l-pajjiż.

15.2 Jekk iva, kif nista' nikkuntattja lil dik l-awtorità jew organizzazzjoni privata u x'tip ta' assistenza nista' nikseb?

Jekk il-qorti tordna l-manteniment u l-kawża taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 4/2009, kreditur li jirrisjedi barra jista' juża l-proċedura prevista minn dan ir-Regolament u jirrikorri għand l-awtorità trażmittenti kompetenti fil-pajjiż fejn jirrisjedi jew jippreżenta rikors għad-dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni barranija quddiem il-qorti kompetenti (ara l-punt 5). Ir-rikorsi għall-eżekuzzjoni jistgħu jiġu ppreżentati quddiem l-uffiċju ta' kwalunkwe uffiċjal ġudizzjarju tal-qorti.

Jekk il-Polonja u l-pajjiż li l-kreditur jirrisjedi fih ikunu partijiet f'konvenzjoni jew ftehim bilaterali dwar ir-

rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'kawżi ta' manteniment, din l-għajnuna tingħata sa fejn jispeċifika l-ftehim. Bħala regola, il-ftehimiet bilaterali jipprevedu li r-rikorsi għandhom jiġu ppreżentati quddiem il-qorti Pollakka direttament jew permezz ta' qorti tal-pajjiż fejn tkun ingħatat is-sentenza. Fil-każ tal-aħħar, it-talbiet jintbagħtu permezz tal-awtoritajiet ċentrali, tipikament permezz tal-Ministeru għall-Ġustizzja jew l-awtoritajiet innotifikati għall-finijiet tal-Konvenzjoni ta' New York:

<http://treaties.un.org/doc/Publication/MTDSG/Volume%20II/Chapter%20XX/XX-1.en.pdf>

Id-dettalji tal-qradi jinsabu fuq

<https://www.gov.pl/web/sprawiedliwosc/znajdz-wybrany-sad-powszechny>

u d-dettalji tal-uffiċjali ġudizzjarji fl-indirizz: <http://komornik.pl/>

16 Dan l-Istat Membru huwa marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007?

Iva, mit-18 ta' Ġunju 2011.

17 Jekk dan l-Istat Membru mhuwiex marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007, liema liġi tkun applikabbli għat-talba għal manteniment skont ir-regoli tal-liġi internazzjonali privata tiegħu? X'inhuma r-regoli tal-liġi internazzjonali privata korrispondenti?

Mhux rilevanti.

18 X'inhuma r-regoli fuq l-aċċess għall-ġustizzja f'każijiet transfruntiera fl-UE li jsegwu l-istruttura tal-Kapitolu V tar-Regolament dwar il-Manteniment?

Ir-regoli applikabbli fil-Polonja jinkludu l-Att tas-17 ta' Diċembru 2004 dwar id-dritt għall-assistenza fi proċedimenti ċivili mmexxija fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (il-Ġurnal tal-Liġijiet 2005, Nru 10, il-partita 67, kif emendata) u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE tas-27 ta' Jannar 2003 biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn (ĠU L 26/41, 31.1.2003, p. 90), li jissupplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u l-Att dwar l-ispejjeż tal-qorti f'kawżi ċivili. Il-parti li tixtieq tikseb forma speċifika ta' assistenza (eż. il-ħatra ta' avukat, it-traduzzjoni ta' dokumenti, ir-rimborż ta' spejjeż tal-ivvjaġġar) jenħtieġ li tikkomunika dan b'mod ċar lill-qorti fil-[formola ta' applikazzjoni tal-UE](#).

19 X'inhuma l-miżuri adottati minn dan l-Istat Membru sabiex jiżgura l-funzjonament tal-attivitajiet deskritti fl-Artikolu 51 tar-Regolament dwar il-Manteniment?

Fit-28 ta' April 2011, il-leġiżlatur Pollakk adotta l-Att li jemenda l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u ċerti atti oħrajn (l-Att tat-28 ta' April 2011 li jemenda l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-Att dwar id-dritt ta' assistenza fi proċedimenti ċivili mmexxija fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u dwar id-dritt ta' assistenza sabiex ikun hemm riżoluzzjoni amikevoli ta' tilwima qabel jinfetħu proċedimenti ċivili u l-Att dwar l-assistenza għall-persuni intitolati għal manteniment - il-Ġurnal tal-Liġijiet 2011, Nru 129, il-partita 735) li permezz tiegħu l-awtorità ċentrali Pollakka tista' tordna lill-awtorità li għandha ġurisdizzjoni fuq id-debitur sabiex twettaq inkjesta dwar il-manteniment.

Jekk il-post ta' residenza tal-intimat jew tal-parteċipant ma jkunx magħruf, il-Ministeru tal-Ġustizzja jibgħat mistoqsijiet lir-reġistri u r-rekords ċentrali u lokali (inkluża l-possibbiltà li tintuża l-bażi tad-data PESEL.SAD) sabiex tiġi ddeterminata l-qorti jew l-uffiċjal ġudizzjarju kompetenti, jew sabiex tingħata risposta għal talba għal miżuri speċifiċi. Bħalissa ma hija pplanata l-ebda bidla għall-bażijiet statutorji, għall-finanzjament u t-tim tal-awtorità ċentrali sabiex jiġi żgurat li jitwettqu l-kompiti deskritti fl-Artikolu 51.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.

■ L-aħħar aġġornament: 12/05/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.